# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 1/2022 TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA

**tas-17 ta' Novembru 2022**

**li temenda l-Anness 1 u 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli [2023/63]**

IL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera kummerċ fi prodotti agrikoli, u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Annessi 1 u 2 għall-Ftehim jelenkaw il-konċessjonijiet tariffarji mogħtija mill-Konfederazzjoni Żvizzera u mill-Unjoni Ewropea ("il-Partijiet") rispettivament.

(3) Il-Partijiet qablu li jemendaw l-Annessi 1 u 2 għall-Ftehim wara l-aħħar reviżjoni tan-Nomenklatura Magħquda u żball li sar fl-aħħar adattament tal-Anness 1 rigward il-konċessjoni tariffarja għall-ġarretti bla għadma. Ġie deċiż ukoll li fl-Anness 1 għall-Ftehim jiġu integrati il-konċessjonijiet tariffarji mogħtija mill-Iżvizzera fl-1996 għall-ikel tal-klieb u tal-qtates maħsub għall-bejgħ.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Annessi 1 u 2 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli għandhom jiġu ssostitwiti, rispettivament, bit-testi li jinsabu fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fi Brussell fil-17 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura*

| | | |
|---|---|---|
| *Il-President u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea* | *Il-Kap tad-Delegazzjoni Żvizzera* | *Is-Segretarju tal-Kumitat* |
| Frank BOLLEN | Michèle DRÄPPEN | Luis QUEVEDO LEY |

*ANNESS 1*

**KONĊESSJONIJIET MOGĦTIJA MILL-IŻVIZZERA**

Għall-prodotti li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea li jidhru hawn taħt, l-Iżvizzera tagħti l-konċessjonijiet tariffarji li ġejjin; fejn applikabbli, fil-limiti ta' kwantità annwali stabbilita:

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0101 2991 | Żwiemel ħajjin (ħlief żwiemel ta' nisel pur għat-tnissil u żwiemel għall-qtil) (għadd ta' rjus) | 0,00 | 100 ras |
| 0204 5010 | Laħam tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat | 40,00 | 100 |
| 0207 1481 | Isdra ta' tjur ta' speċi domestiċi, iffriżati | 15,00 | 2 100 |
| 0207 1491 | Qatgħat u ġewwieni li jittiekel ta' tjur ta' speċijiet domestiċi, inkluż il-fwied (ħlief l-isdra), friżati | 15,00 | 1 200 |
| 0207 2781 | Isdra tad-dundjani ta' speċijiet domestiċi, friżati | 15,00 | 800 |
| 0207 2791 | Qatgħat u ġewwieni li jittiekel ta' dundjani ta' speċijiet domestiċi, inkluż il-fwied (ħlief l-isdra), friżati | 15,00 | 600 |
| 0207 4210 | Papri ta' speċijiet domestiċi, mhux imqattgħin f'biċċiet, friżati | 15,00 | 700 |
| | Fwied bix-xaħam ta' papri jew ta' wiżż ta' speċijiet domestiċi, frisk jew imkessaħ | | |
| 0207 4300 | — ta' papri | | |
| 0207 5300 | — ta' wiżż | 9,50 | 20 |
| | Qatgħat u ġewwieni li jittiekel ta' papri, ta' wiżż jew ta' farawni ta' speċijiet domestiċi, friżati (ħlief fwied bix-xaħam) | | |
| 0207 4591 | — ta' papri | | |
| 0207 5591 | — ta' wiżż | | |
| 0207 6091 | — ta' farawni | 15,00 | 100 |
| 0208 1000 | Laħam u ġewwieni li jittiekel ta' fniek jew ta' liebri, frisk, imkessaħ jew friżat | 11,00 | 1 700 |
| 0208 9010 | Laħam u ġewwieni li jittiekel ta' kaċċa, frisk, imkessaħ jew friżat (ħlief dawk ta' liebri u majjali tas-simna) | 0,00 | 100 |
| ex 0210 1191 | Ġarretti u qatgħat tagħhom, bl-għadma, ta' majjal domestiku (ħlief tas-simna), immellħin jew fis-salmura, imnixxfin jew affumikati | | |
| ex 0210 1991 | Ġarretti u qatgħat tagħhom, mingħajr għadma, ta' majjal domestiku (ħlief tas-simna), immellħin jew fis-salmura, imnixxfin jew affumikati | 0,00 | 1 000 [1] |
| 0210 2010 | Laħam imnixxef ta' annimali tal-ifrat | 0,00 | 200 [2] |
| | Bajd tat-tjur, tajjeb għall-ikel, fil-qoxra | | |
| ex 0407 2110 | — ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, frisk | | |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| ex 0407 2910 | — oħrajn, frisk | | |
| ex 0407 9010 | — oħrajn, preservat jew imsajjar | 47,00 | 150 |
| ex 0409 0000 | Għasel naturali tal-akaċja | 8,00 | 200 |
| ex 0409 0000 | Għasel naturali, oħrajn (għajr akaċja) | 26,00 | 50 |
| 0602 1000 | Biċċiet u żabriet maqlugħin mill-għeruq | 0,00 | bla limitu |
| | Pjanti salvaġġi tal-frott bi żrieragħ irqaq (pips) (li ġejjin min-nebbieta jew prodotti bi propagazzjoni veġetattiva): | | |
| 0602 2011 | — imlaqqmin, bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 2019 | — imlaqqmin, bl-għeruq u bil-ħamrija ta' madwarhom | | |
| 0602 2021 | — mhux imlaqqmin, bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 2029 | — mhux imlaqqmin, bl-għeruq u bil-ħamrija ta' madwarhom | 0,00 | [3] |
| | Pjanti salvaġġi tal-frott bl-għadam(li ġejjin min-nebbieta jew prodotti bi propagazzjoni veġetattiva): | | |
| 0602 2031 | — imlaqqmin, bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 2039 | — imlaqqmin, bl-għeruq u bil-ħamrija ta' madwarhom | | |
| 0602 2041 | — mhux imlaqqmin, bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 2049 | — mhux imlaqqmin, bl-għeruq u bil-ħamrija ta' madwarhom | 0,00 | [3] |
| | Pjanti għajr salvaġġi tal-frott bi żrieragħ irqaq (pips) jew bl-għadam (li ġejjin min-nebbieta jew prodotti bi propagazzjoni veġetattiva), bi frott li jittiekel: | | |
| 0602 2051 | — bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 2059 | — oħrajn għajr bl-għeruq mikxufin | 0,00 | bla limitu |
| | Siġar, arbuxelli u buxxijiet, li jagħmlu frott li jittiekel, bl-għeruq mikxufin: | | |
| 0602 2071 | — ta' frott bi żrieragħ irqaq (pips) | | |
| 0602 2072 | — ta' frott bl-għadam | 0,00 | [3] |
| 0602 2079 | — oħrajn għajr ta' frott bi żrieragħ irqaq (pips) jew bl-għadam | 0,00 | bla limitu |
| | Siġar, arbuxelli u buxxijiet, li jagħmlu frott li jittiekel, bl-għeruq u bil-ħamrija ta' madwarhom: | | |
| 0602 2081 | — ta' frott bi żrieragħ irqaq (pips) | | |
| 0602 2082 | — ta' frott bl-għadam | 0,00 | [3] |
| 0602 2089 | — oħrajn għajr ta' frott bi żrieragħ irqaq (pips) jew bl-għadam | 0,00 | bla limitu |
| 0602 3000 | Rododendri u ażalej, imlaqqmin jew le | 0,00 | bla limitu |
| | Ward, imlaqqmin jew le: | | |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0602 4010 | — ward salvaġġ u zkuk tal-ward salvaġġ | | |
| | — oħrajn għajr ward salvaġġ u zkuk tal-ward salvaġġ: | | |
| 0602 4091 | — bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 4099 | — oħrajn għajr bl-għeruq mikxufin, bl-għeruq u l-ħamrija ta' madwarhom | 0,00 | bla limitu |
| | Pjanti (li ġejjin min-nebbieta jew prodotti bi propagazzjoni veġetattiva) ta' speċijiet utli; spawn għall-faqqiegħ: | | |
| 0602 9011 | — pjanti ta' ħxejjex u ħaxix f'tubi | | |
| 0602 9012 | — spawn għall-faqqiegħ | | |
| 0602 9019 | — oħrajn għajr pjanti ta' ħxejjex, ħaxix f'tubi u spawn għall-faqqiegħ | 0,00 | bla limitu |
| | Pjanti ħajjin oħra (inkluż l-għeruq): | | |
| 0602 9091 | — bl-għeruq mikxufin | | |
| 0602 9099 | — oħrajn għajr bl-għeruq mikxufin, bl-għeruq u l-ħamrija ta' madwarhom | 0,00 | bla limitu |
| 0603 1110 | Ward, maqtugħ, għal bukketti jew għat-tiżjin, frisk, mill-1 ta' Mejju sal-25 ta' Ottubru | | |
| 0603 1210 | Radanċi, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mill-1 ta' Mejju sal-25 ta' Ottubru | | |
| 0603 1310 | Orkidej, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, frisk, mill-1 ta' Mejju sal-25 ta' Ottubru | | |
| 0603 1410 | Kriżantemi, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mill-1 ta' Mejju sal-25 ta' Ottubru | | |
| 0603 1510 | Ġilji (*Lilium* spp.), maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mill-1 ta' Mejju sal-25 ta' Ottubru | | |
| | Fjuri u blanzuni ta' fjuri oħrajn, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mill-1 ta' Mejju sal-25 ta' Ottubru: | | |
| 0603 1911 | — tal-injam | | |
| 0603 1918 | — oħrajn għajr tal-injam | 0,00 | 1 000 |
| 0603 1230 | Radanċi, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mis-26 ta' Ottubru sat-30 ta' April | 0,00 | bla limitu |
| 0603 1330 | Orkidej, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mis-26 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |
| 0603 1430 | Kriżantemi, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mis-26 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0603 1530 | Ġilji (*Lilium* spp.), maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mis-26 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |
| 0603 1930 | Tulipani maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mis-26 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |
| | Fjuri u blanzuni ta' fjuri oħrajn, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski, mis-26 ta' Ottubru sat-30 ta' April: | | |
| 0603 1931 | — tal-injam | | |
| 0603 1938 | — oħrajn għajr tal-injam | 0,00 | bla limitu |
| | Tadam, frisk jew imkessaħ: | | |
| 0702 0010 | tadam ċiras (cherry):<br>— mill-21 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |
| 0702 0020 | tadam Peretti (tawwali):<br>— mill-21 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |
| 0702 0030 | — tadam ieħor b'dijametru ta' 80 mm jew aktar (beef tomatoes):<br>— mill-21 ta' Ottubru sat-30 ta' April | | |
| 0702 0090 | — oħrajn:<br>— mill-21 ta' Ottubru sat-30 ta' April | 0,00 | 10 000 |
| | Ħass ikkabuċċjat mingħajr werqa fuq barra: | | |
| 0705 1111 | — mill-1 ta' Jannar sal-aħħar ta' Frar | 0,00 | 2 000 |
| | Ċikwejra tat-tip Witloof friska jew imkessħa: | | |
| 0705 2110 | — mill-21 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru | 0,00 | 2 000 |
| 0707 0010 | Ħjar għall-insalata, mill-21 ta' Ottubru sal-14 ta' April | 5,00 | 200 |
| 0707 0030 | Ħjar tal-pikles, b'tul > 6 cm iżda ≤ 12 cm, frisk jew imkessaħ, mill-21 ta' Ottubru sal-14 ta' April | 5,00 | 100 |
| 0707 0031 | Ħjar tal-pikles, b'tul > 6 cm iżda ≤ 12 cm, frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' April sal-20 ta' Ottubru | 5,00 | 2 100 |
| 0707 0050 | Gherkins friski jew imkessħin | 3,50 | 800 |
| | Brunġiel, frisk jew imkessaħ: | | |
| 0709 3010 | — mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 0,00 | 1 000 |
| 0709 5100<br>0709 5900 | Faqqiegħ, frisk jew imkessaħ, tal-ġens *Agaricus* jew oħrajn, għajr tartuf | 0,00 | bla limitu |
| | Bżar, frisk jew imkessaħ: | | |
| 0709 6011 | — mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu | 2,50 | bla limitu |
| 0709 6012 | Bżar frisk jew imkessaħ mill-1 ta' April sal-31 ta' Ottubru | 5,00 | 1 300 |
| | Qarabagħli (inkluż il-fjuri tal-qarabagħli), frisk jew imkessaħ: | | |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0709 9950 | — mill-31 ta' Ottubru sad-19 ta' April | 0,00 | 2 000 |
| ex 0710 8090 | Faqqiegħ, mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-togħlija, friżat | 0,00 | bla limitu |
| 0711 9090 | Veġetali u taħlit ta' veġetali, preservati proviżorjament (eż. bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin għal konsum immedjat | 0,00 | 150 |
| 0712 2000 | Basal, imnixxef, imqattgħin jew fi flieli jew f'biċċiet jew trab, iżda mhux ippreparati aktar | 0,00 | 100 |
| 0713 1011 | Piżelli (*Pisum sativum*), imnixxfin, imqaxxrin, fi ħbub sħaħ, mhux ipproċessati, għall-għalf tal-annimali | Rifużjoni ta' CHF 0,90 fuq id-dazju applikat | 1 000 |
| 0713 1019 | Piżelli (*Pisum sativum*), imnixxfin, imqaxxrin, fi ħbub sħaħ, mhux ipproċessati (għajr dawk għall-għalf tal-annimali, għal użi tekniċi jew għall-produzzjoni tal-birra) | 0,00 | 1 000 |
| | Ġellewż (*Corylus* spp.), frisk jew imnixxef: | | |
| 0802 2190 | — fil-qoxra, għajr għall-għalf tal-annimali jew għall-estrazzjoni taż-żejt | | |
| 0802 2290 | — bla qoxra, għajr għall-għalf tal-annimali jew għall-estrazzjoni taż-żejt | 0,00 | bla limitu |
| 0802 3290 | Ġewż | 0,00 | 100 |
| ex 0802 9090 | Ġewż tal-arżnu, frisk jew imnixxef | 0,00 | bla limitu |
| 0805 1000 | Larinġ, frisk jew imnixxef | 0,00 | bla limitu |
| | Mandolin (inklużi l-varjetajiet tanġerini u satsumas); klementini, wilkings u ibridi simili taċ-ċitru, friski jew imnixxfin | | |
| 0805 2100 | mandolin (inklużi l-varjetajiet tanġerini u satsumas) | 0,00 | bla limitu |
| 0805 2200 | klementini | 0,00 | bla limitu |
| 0805 2900 | oħrajn | 0,00 | bla limitu |
| 0807 1100 | Dulliegħ frisk | 0,00 | bla limitu |
| 0807 1900 | Bettieħ, frisk, għajr dulliegħ | 0,00 | bla limitu |
| | Berquq, frisk, f'pakketti miftuħa: | | |
| 0809 1011 | — mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Ġunju | | |
| 0809 1091 | f'pakketti oħra:<br>— mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Ġunju | 0,00 | 2 100 |
| 0809 4013 | Għajnbaqar frisk, f'pakketti miftuħa, mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru | 0,00 | 600 |
| 0810 1010 | Frawli, friski, mill-1 ta' Settembru sal-14 ta' Mejju | 0,00 | 10 000 |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0810 1011 | Frawli, friski, mill-15 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu | 0,00 | 200 |
| 0810 2011 | Lampun, frisk, mill-1 ta' Ġunju sal-14 ta' Settembru | 0,00 | 250 |
| 0810 5000 | Kiwi, frisk | 0,00 | bla limitu |
| ex 0811 1000 | Frawli, nejjin jew imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija, friżati, mingħajr żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, mhux f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut, maħsubin għall-użu industrijali | 10,00 | 1 000 |
| ex 0811 2090 | Lampun, tut jew ċawsli, loganberries u passolina sewda, bajda jew ħamra, nejjin jew imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija, mingħajr żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, mhux f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut, maħsubin għall-użu industrijali | 10,00 | 1 200 |
| 0811 9010 | Mirtilli, nejjin jew imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija, friżati, kemm jekk biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu jew mingħajrha | 0,00 | 200 |
| 0811 9090 | Frott li jittiekel, nej jew imsajjar bil-fwar jew bit-togħlija, friżat, kemm jekk biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu jew mingħajrha (għajr frawli, lampun, tut jew ċawsli, loganberries, passolina sewda, bajda jew ħamra, mirtilli u frott tropikali) | 0,00 | 1 000 |
| 0904 2200 | Frott tal-ġens *Capsicum* jew tal-ġens *Pimenta*, imnixxef jew imfarrak jew mitħun | 0,00 | 150 |
| 0910 2000 | Żagħfran | 0,00 | bla limitu |
| | Qamħ u meslin [għajr il-qamħ durum], għall-għalf tal-annimali | | |
| 1001 9931 | — li jinkludi ċereali oħra tal-kapitolu 10 | | |
| 1001 9939 | — oħrajn | Rifużjoni ta' CHF 0,60 fuq id-dazju applikat | 50 000 |
| | Qamħirrum għall-għalf tal-annimali | | |
| 1005 9031 | — li jinkludi ċereali oħra tal-kapitolu 10 | | |
| 1005 9039 | — oħrajn | Rifużjoni ta' CHF 0,50 fuq id-dazju applikat | 13 000 |
| | Żejt taż-żebbuġa, verġni, għajr għall-għalf tal-annimali: | | |
| 1509 1091 | — f'kontenituri tal-ħġieġ li ma jesgħux iktar minn 2 litri | 60,60 (4) | bla limitu |
| 1509 1099 | — f'kontenituri tal-ħġieġ li ma jesgħux iktar minn 2 litri, jew f'kontenituri oħra | 86,70 (4) | bla limitu |
| | Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament, għajr għall-għalf tal-annimali: | | |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 1509 9091 | — f'kontenituri tal-ħġieġ li ma jesgħux iktar minn 2 litri | 60,60 (4) | bla limitu |
| 1509 9099 | — f'kontenituri tal-ħġieġ li ma jesgħux iktar minn 2 litri, jew f'kontenituri oħra | 86,70 (4) | bla limitu |
| ex 0210 1991 | Prieżet fis-salmura, bla għadam, magħluqa f'bużżieqa jew f'musrana artifiċjali ("prieżet f'bużżieqa") | | |
| ex 0210 1991 | Biċċa laħam ħoxna, bla għadam, iffumikata ("prieżet fis-salmura") | | |
| ex 0210 1991<br>ex 1602 4910 | Qnieżaħ tal-majjal fis-salmura jew imnixxef bl-arja, sħiħ, f'biċċiet jew fi ftieti rqaq ("Coppa") | | |
| 1601 0011<br>1601 0021 | Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet alimentari abbażi ta' dawn il-prodotti ta' annimali tal-intestaturi 0101 sa 0104, ħlief tas-simna | 0,00 | 3 715 |
| | Tadam, sħiħ jew f'biċċiet, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku: | | |
| 2002 1010<br>2002 1020 | — f'kontenituri li jesgħu iktar minn 5 kg<br>— f'kontenituri li ma jesgħux iktar minn 5 kg | 2,50<br>4,50 | bla limitu bla limitu |
| | Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, għajr sħaħ jew f'biċċiet: | | |
| 2002 9010 | — f'kontenituri li jesgħu iktar minn 5 kg | 0,00 | bla limitu |
| 2002 9021 | Polpa, purè u konċentrat tat-tadam, f'kontenituri siġillati ermetikament, b'kontenut ta' materjal xott ta' 25 % jew aktar fil-piż, magħmulin minn tadam u ilma, biż-żieda jew le ta' melħ jew ħwawar oħra, f'kontenituri li ma jesgħux aktar minn 5 kg | 0,00 | bla limitu |
| 2002 9029 | Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, għajr sħaħ jew f'biċċiet, u għajr polpa, purè u konċentrat tat-tadam: | | |
| | — f'kontenituri li ma jesgħux iktar minn 5 kg | 0,00 | bla limitu |
| 2003 1000 | Faqqiegħ tal-ġens *Agaricus*, ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku | 0,00 | 1 700 |
| | Qaqoċċ ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, friżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006: | | |
| ex 2004 9018 | — f'kontenituri li jesgħu iktar minn 5 kg | 17,50 | bla limitu |
| ex 2004 9049 | — f'kontenituri li ma jesgħux iktar minn 5 kg | 24,50 | bla limitu |
| | Asparagu ppreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006: | | |
| 2005 6010 | — f'kontenituri li jesgħu iktar minn 5 kg | | |
| 2005 6090 | — f'kontenituri li ma jesgħux iktar minn 5 kg | 0,00 | bla limitu |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| | Żebbuġ ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006: | | |
| 2005 7010 | — f'kontenituri li jesgħu iktar minn 5 kg | | |
| 2005 7090 | — f'kontenituri li ma jesgħux iktar minn 5 kg | 0,00 | bla limitu |
| | Kappar ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006: | | |
| ex 2005 9911 | — f'kontenituri li jesgħu iktar minn 5 kg | 17,50 | bla limitu |
| ex 2005 9941 | — f'kontenituri li ma jesgħux iktar minn 5 kg | 24,50 | bla limitu |
| 2008 3090 | Frott taċ-ċitru, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma huwa speċifikat jew inkluż imkien aktar | 0,00 | bla limitu |
| 2008 5010 | Polpa tal-berquq, ippreparata jew ippreżervata mod ieħor, mingħajr zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, li ma hija speċifikata jew inkluża mkien aktar | 10,00 | bla limitu |
| 2008 5090 | Berquq, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma huwa speċifikat jew inkluż imkien aktar | 15,00 | bla limitu |
| 2008 7010 | Polpa tal-ħawħ, ippreparata jew ippreżervata mod ieħor, mingħajr zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, li ma hija speċifikata jew inkluża mkien aktar | 0,00 | bla limitu |
| 2008 7090 | Ħawħ, ippreparat jew ippreservat mod ieħor, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma huwa speċifikat jew inkluż imkien aktar | 0,00 | bla limitu |
| | Meraq ta' kull frotta taċ-ċitru għajr il-laring, il-grapefruit jew il-pomelo, mhux iffermentat, mingħajr spirtu miżjud: | | |
| ex 2009 3919 | — mingħajr zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, ikkonċentrat | 6,00 | bla limitu |
| ex 2009 3920 | — biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu, ikkonċentrat | 14,00 | bla limitu |
| | Inbejjed tad-deżerta, speċjalitajiet u mistelles f'kontenituri: | | |
| 2204 2150 | — li ma jesgħux aktar minn 2 litri ([5]) | 8,50 | bla limitu |
| 2204 2250 | — li jesgħu aktar minn 2 litri, iżda mhux aktar minn 10 litri ([5]) | 8,50 | bla limitu |
| 2204 2960 | — li jesgħu aktar minn 10 litri ([5]) | 8,50 | bla limitu |
| ex 2204 2150 | Porto, f'kontenituri li ma jesgħux aktar minn 2 litri, skont id-deskrizzjoni f' ([6]) | 0,00 | 1 000 hl |

| Intestatura tariffarja Żvizzera | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (CHF/100 kg piż gross) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| | Retsina (inbid abjad Grieg), skont id-deskrizzjoni f' (7) | | |
| ex 2204 2121 | — f'kontenituri li ma jesgħux aktar minn 2 litri | | |
| | — f'kontenituri li jesgħu aktar minn 2 litri iżda ma jesgħux aktar minn 10 litri, b'qawwa alkoħolika skont il-volum: | | |
| ex 2204 2221 | — ta' aktar minn 13 % vol. | | |
| ex 2204 2222 | — ta' mhux aktar minn 13 % vol. | | |
| | — f'kontenituri li jesgħu aktar minn 10 litri, b'qawwa alkoħolika skont il-volum: | | |
| ex 2204 2923 | — ta' aktar minn 13 % vol. | | |
| ex 2204 2924 | — ta' mhux aktar minn 13 % vol. | 0,00 | 500 hl |
| | Ikel għall-klieb jew għall-qtates, maħsubin għall-bejgħ bl-imnut f'kontenituri siġillati ermetikament; | | |
| 2309 1021 | — li fih trab tal-ħalib jew xorrox | | |
| 2309 1029 | — oħrajn | 0,00 | 6,000 (8) |

(1) Inkluż 480 tunnellata għall-prieżet ta' Parma u ta' San Daniele, skont l-iskambju ta' ittri bejn l-Iżvizzera u l-KE tal-25 ta' Jannar 1972.
(2) Inkluż 170 tunnellata ta' Bresaola, skont l-iskambju ta' ittri bejn l-Iżvizzera u l-KE tal-25 ta' Jannar 1972.
(3) Fil-limiti ta' kwota annwali globali ta' 60 000 pjanta.
(4) Inkluż il-kontribuzzjoni għall-fond ta' garanzija għal ħżin obbligatorju.
(5) Huma koperti biss il-prodotti fit-tifsira tal-Anness 7 għall-Ftehim.
(6) Deskrizzjoni: "Port" tfisser inbid ta' kwalità li jiġi prodott fir-reġjun iddeterminat fil-Portugall b'dan l-isem fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.
(7) Deskrizzjoni: "Retsina" tfisser inbid tal-mejda fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet Komunitarji msemmija fl-Anness VII, il-punt A.2 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.
(8) Konċessjoni mogħtija mill-Iżvizzera lill-Komunità Ewropea skont l-iskambju ta' ittri tat-30 ta' Ġunju 1996.

*ANNESS 2*

## KONĊESSJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA

Għall-prodotti li joriġinaw mill-Iżvizzera li jidhru hawn taħt, l-Unjoni Ewropea tagħti l-konċessjonijiet tariffarji li ġejjin; fejn applikabbli, fil-limiti ta' kwantità annwali stabbilita:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (EUR/100 kg piż nett) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0102 29 41<br>0102 29 49<br>0102 29 51<br>0102 29 59<br>0102 29 61<br>0102 29 69<br>0102 29 91<br>0102 29 99<br>ex 0102 39 10<br>ex 0102 90 91 | Annimali tal-ifrat ħajjin b'piż ta' aktar minn 160 kg | 0,00 | 4 600 ras |
| ex 0210 20 90 | Laħam ta' annimali tal-ifrat, bla għadma, imnixxef | 0,00 | 1 200 |
| ex 0401 40 10<br>0401 40 90<br>0401 50 11<br>0401 50 19<br>0401 50 31<br>0401 50 39<br>0401 50 91<br>0401 50 99 | Krema, b'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, ta' aktar minn 6 % | 0,00 | 2 000 |
| 0403 10 | Jogurt | | |
| 0402 29 11<br>ex 0404 90 83 | Ħalib speċjali, għal trabi, f'kontenituri ssiġillati ermetikament b'kontenut nett mhux aktar minn 500 g, b'kontenut ta' xaħam, skont il-piż, ta' aktar minn 10 % ([1]) | 43,80 | bla limitu |
| 0602 | Pjanti oħrajn ħajjin (inklużi l-għeruq tagħhom), biċċiet u żabriet; spawn għall-faqqiegħ | 0,00 | bla limitu |
| 0603 11 00<br>0603 12 00<br>0603 13 00<br>0603 14 00<br>0603 15 00<br>0603 19 | Fjuri u blanzuni ta' fjuri, maqtugħin, għal bukketti jew għat-tiżjin, friski | 0,00 | bla limitu |
| 0701 10 00 | Patata, bħala żerriegħa, friska jew imkessħa | 0,00 | 4 000 |
| 0702 00 00 | Tadam, frisk jew imkessaħ | 0.00 ([2]) | 1 000 |
| 0703 10 19<br>0703 90 00 | Basal, għajr bħala żerriegħa<br>Kurrat u ħxejjex oħrajn tal-ġens tat-tewm, friski jew imkessħin | 0,00 | 5 000 |
| 0704 10 00<br>0704 90 | Kaboċċi, pastard, ġdur, kale u prodotti li jittieklu simili tal-ġens Brassica, għajr Brussels sprouts, friski jew imkessħin | 0,00 | 5 500 |
| 0705 | Ħass (*Lactuca sativa*) u ċikorja (*Cichorium* spp.), friski jew imkessħin | 0,00 | 3 000 |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (EUR/100 kg piż nett) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| 0706 10 00 | Karrotti u nevew, friski jew imkessħa | 0,00 | 5 000 |
| 0706 90 10<br>0706 90 90 | Pitravi tal-insalata, sassefrika, celeriac (xorta ta' krafes), ravanell u għeruq oħrajn simili li jittieklu, għajr l-għerq tal-mustarda (*Cochlearia armoracia*), friski jew imkessħin | 0,00 | 3 000 |
| 0707 00 05 | Ħjar, frisk jew imkessaħ | 0,00 (2) | 1 000 |
| 0708 20 00 | Fażola (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.), friska jew imkessħa | 0,00 | 1 000 |
| 0709 30 00 | Brunġiel frisk jew imkessaħ | 0,00 | 500 |
| 0709 40 00 | Krafes għajr is-celeriac (xorta ta' krafes) friski jew imkessħin | 0,00 | 500 |
| 0709 51 00<br>0709 59 | Faqqiegħ u tartuf, friski jew imkessħin | 0,00 | bla limitu |
| 0709 70 00 | Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi tal-ġonna (orache), friski jew imkessħin | 0,00 | 1 000 |
| 0709 99 10 | Veġetali għall-insalata, ħlief ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.), friski jew imkessħin | 0,00 | 1 000 |
| 0709 99 20 | Pitravi chard (jew pitravi zokkrija) u kardun, friski jew imkessħin | 0,00 | 300 |
| 0709 99 50 | Bużbież, frisk jew imkessaħ | 0,00 | 1 000 |
| 0709 93 10 | Qarabagħli, frisk jew imkessaħ | 0,00 (2) | 1 000 |
| 0709 93 90<br>0709 99 90 | Veġetali oħrajn, friski jew imkessħin | 0,00 | 1 000 |
| 0710 80 61<br>0710 80 69 | Faqqiegħ, mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-togħlija, friżat | 0,00 | bla limitu |
| 0712 90 | Veġetali mnixxfin, sħaħ, imqattgħin, flieli, biċċiet jew trab, inkluż miksuba minn veġetali msajrin minn qabel, iżda mhux ippreparati aktar minn hekk, għajr il-basal, il-faqqiegħ u t-tartuf | 0,00 | bla limitu |
| ex 0808 10 80 | Tuffieħ, għajr tuffieħ tas-sidru, frisk | 0,00 (2) | 3 000 |
| 0808 30<br>0808 40 | Lanġas, frisk u sfarġel, frisk | 0,00 (2) | 3 000 |
| 0809 10 00 | Berquq, frisk | 0,00 (2) | 500 |
| 0809 29 00 | Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa (*Prunus cerasus*), friska | 0,00 (2) | 1,500 (3) |
| 0809 40 | Għanbaqar u pruna selvaġġa (sloes), friski | 0.00 (2) | 1 000 |
| 0810 10 00 | Frawli | 0,00 | 200 |
| 0810 20 10 | Lampun, frisk | 0,00 | 100 |
| 0810 20 90 | Tut, ċawsli u loganberries, friski | 0,00 | 100 |
| 1106 30 10 | Dqiq, pasta u trab tal-banana | 0,00 | 5 |
| 1106 30 90 | Dqiq, pasta u trab ta' frott ieħor tal-kapitolu 8 | 0,00 | bla limitu |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (EUR/100 kg piż nett) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| ex 0210 19 50 | Prieżet fis-salmura, bla għadam, magħluqa f'bużżieqa jew f'musrana artifiċjali | 0,00 | 1 900 |
| ex 0210 19 81 | Biċċa laħam ħoxna, bla għadam, iffumikata | | |
| ex 0210 19 81<br>ex 1602 49 19 | Qnieżaħ tal-majjal fis-salmura jew imnixxef bl-arja, shiħ, f'biċċiet jew fi ftieti rqaq | | |
| ex 1601 00 | Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, fdal tal-laħam jew demm; preparamenti alimentari abbażi ta' dawn il-prodotti ta' annimali tal-intestaturi 0101 sa 0104, ħlief tas-simna | | |
| ex 2002 90 91<br>ex 2002 90 99 | Trab tat-tadam, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| 2003 90 90 | Faqqiegħ, għajr tal-ġens *Agaricus*, ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku | 0,00 | bla limitu |
| 0710 10 00 | Patata, mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew bit-togħlija, friżata | | |
| 2004 10 10<br>2004 10 99 | Patata ppreparata jew ippreżervata mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, friżata, għajr prodotti tal-intestatura 2006: ħlief f'forma ta' dqiq, pasta jew qxur | | |
| 2005 20 80 | Patata ppreparata jew ippreżervata mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux friżata, għajr prodotti tal-intestatura 2006, ħlief il-preparamenti f'forma ta' dqiq, pasta jew qxur, u l-preparamenti fi flieli rqaq, moqlijin, kemm jekk melħin jew imħawrin kemm jekk le, ġo ppakkjar issiġillat ermetikament, tajbin għal konsum immedjat | 0,00 | 3 000 |
| ex 2005 91 00<br>ex 2005 99 | Trab ippreparat tal-ħxejjex jew taħlit ta' ħxejjex, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| ex 2008 30 | Qxur u trab tal-frott taċ-ċitru, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| ex 2008 40 | Qxur u trab tal-lanġas, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| ex 2008 50 | Qxur u trab tal-berquq, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| 2008 60 | Ċirasa, ippreparata jew ippreżervata mod ieħor, kemm jekk fiha zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew spirtu miżjud inkella le, li ma hija speċifikata jew inkluża imkien aktar | 0,00 | 500 |
| ex 0811 90 19<br>ex 0811 90 39 | Ċirasa, nejja jew imsajra bil-fwar jew bit-togħlija, iffriżata, biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor li jagħmel ħelu | | |
| 0811 90 80 | Ċirasa ħelwa, nejja jew imsajra bil-fwar jew bit-togħlija, iffriżata, mingħajr żieda ta' zokkor jew ta' materjal ieħor li jagħmel ħelu | | |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju doganali applikabbli (EUR/100 kg piż nett) | Kwantità annwali (piż nett f'tunnellati metriċi) |
|---|---|---|---|
| ex 2008 70 | Qxur u trab tal-ħawħ, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| ex 2008 80 | Qxur u trab tal-frawli, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| ex 2008 99 | Qxur u trab ta' frott ieħor, biż-żieda ta' zokkor, materjal ieħor li jagħmel ħelu jew lamtu, jew mingħajrha ([4]) | 0,00 | bla limitu |
| ex 2009 19 | Trab tal-meraq tal-larinġ, biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, jew mingħajrha | 0,00 | bla limitu |
| ex 2009 21 00<br>ex 2009 29 | Trab tal-meraq tal-grapefruit, biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, jew mingħajrha | 0,00 | bla limitu |
| ex 2009 31<br>ex 2009 39 | Trab tal-meraq ta' frott ieħor taċ-ċitru, biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, jew mingħajrha | 0,00 | bla limitu |
| ex 2009 41<br>ex 2009 49 | Trab tal-meraq tal-ananas, biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, jew mingħajrha | 0,00 | bla limitu |
| ex 2009 71<br>ex 2009 79 | Trab tal-meraq tat-tuffieħ, biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, jew mingħajrha | 0,00 | bla limitu |
| ex 2009 81<br>ex 2009 89 | Trab tal-meraq ta' kwalunkwe frott jew ħaxix ieħor, biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu, jew mingħajrha | 0,00 | bla limitu |

([1]) Għall-applikazzjoni ta' din is-subintestatura, "ħalib speċjali għat-trabi" tfisser prodotti ħielsa minn mikrobi patoġeni u tossikoġeniċi u li fihom inqas minn 10 000 batterja aerobika li jistgħu jingħataw ħajja mill-ġdid u inqas minn żewġ batterji koliformi għal kull gramma.
([2]) Fejn rilevanti, japplika dazju speċifiku flok id-dazju minimu.
([3]) Inkluż il-1 000 tunnellata skont l-iskambju ta' ittri tal-14 ta' Lulju 1986.
([4]) Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-klassifikazzjoni tariffarja tat-trab tal-ħxejjex u t-trab tal-frott.